31960D0511



# ID-DEĊIŻJONI

## li tiffissa d-data meta l-Aġenzija għall-Forniment tal-Euratom għandha tibda taqdi d-dmirijiet tagħha u li tapprova r-Regoli ta' l-Aġenzija tal-5 ta' Mejju 1960 li jistabbilixxu l-manjiera li fiha d-domanda għandha tiġi bilanċjata kontra l-provvista ta' minerali, materjali primi u materjali speċjali fissili

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA DWAR L-ENERĠIJA ATOMIKA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikoli 52, 53, 60 u 222 tiegħu;

Billi ħhija l-Kummissjoni li tiffissa d-data li fiha l-Aġenzija għall-Forniment għandha tidħol għad-dmirijiet li jgħaddu għandha taħt it-Trattat;

Billi l-introduzzjoni tal-proċeduri stabbiliti mill-Aġenzija sabiex jimplimentaw is-sitt paragrafu ta' l-Artikolu 60 tat-Trattat teħtieġ li dawk il-miżuri transitorji li jiffaċilitaw l-applikazzjoni progressiva tagħhom;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-data li fiha l-Aġenzija għall-Forniment għandha tidħol għad-dmirijiet li jgħaddu għandha taħt it-Trattat għandha tkun l-1 ta' Ġunju 1960.

*Artikolu 2*

Approvazzjoni qiegħda tingħata għar-Regoli ta' l-Aġenzja tal-5 ta' Mejju 1960 li jistabbilixxu l-manjiera li fiha d-domanda trid tiġi bilanċjata kontra l-provvista ta' minerali, materjali primi u materjali speċjali fissili.

*Artikolu 3*

Ir-Regoli msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jidħlu fis-seħħ fl-intier tagħhom fl-1 ta' Ġunju 1960 għal kuntratti li jkopru l-provvista ta' materjali speċjali fissili.

Rigward il-kuntratti għall-provvista ta'minerali u materjali primi, l-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 5 u 6 ta' dawn ir-Regoli għandhom jiġu differiti b'sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom kif stabbilit fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

Il-kuntratti rigward il-provvista ta' minerali jew materjali prima għandhom, matul dan il-perjodu, jiġu sottomessi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha bil-quddiem.

Matul dan il-perjodu ta' sitt xhur, l-istħarriġ tas-suq għandu jsir u jiġi komplut skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 1 sa 4 tar-Regoli.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Aġenzija għall-Forniment tal-Euratom u wkoll għall-utenti u l-produtturi ta' minerali, materjali prima u materjali speċjali fissili.

Magħmula fi Brussell, fil-5 ta' Mejju 1960.

*Għall-Kummissjoni*

E. M. J. A. SASSEN